# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 30/2014**

Il-Pulizija

vs

**Jane D'Alfonso**

bint Carmel Cutajar , imwielda Malta, fil-31 ta' Jannar, 1958, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 111258(M)

Illum, 20 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Jane D'Alfonso akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli fix-xahar ta' Lulju 2013 f'dawn il-Gzejjer:

> "(1) bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, bdilt is-serratura tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DSR-854 ta' ghamla Opel Astra ghad-dannu tar-ragel tieghek Anthony D'Alfonso u dan bi ksur ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Jannar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjoni kif dedotta u kkundannata ghall-hlas ta' multa fis-somma ta' erba mitt Euro (€400).

Rat ir-rikors tal-appellanti Jane D'Alfonso minnha pprezentat fid-29 ta' Jannar, 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u b'hekk thassar, tirrevoka u tannulla l-istess s-sentenza in kwantu sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza dedotta kontra taghha u minflok tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront taghha, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' multa fis-somma ta' erba' mitt Euro (EUR400) u minflok tinfliggi piena alternattiva.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi l-fatti m'humiex dawk prospettati mill-prosekuzzjoni ghaliex mhux minnu li f'Lulju 2013 (id-data ndikata fl-akkuza) l-appellanti fixklet lil zewgha fil-pussess ta' hwejjgu.

Illi b'referenza ghal dan premess, l-appellanti umilment tirrileva li l-imputazzjoni li taghha hija nstabet hatja hija wahda li trid tigi ppruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-Ligi u cioe' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, xi haga li quddiem l-ewwel Qorti ma sehhitx. Konsegwentement, l-appellanti ma setghet qatt tinstab hatja, kif effettivament instabet mill-ewwel Qorti, tar-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-sentenza taghha fuq citata, *inter alia* ghamlet mhux biss apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha izda ghamlet ukoll enuncazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi.

L-Ewwel Qorti tidher li bbazat id-decizjoni taghha fuq ix-xhieda ta' Anthony D'Alfonso, filwaqt li skartat ghal kollox l-evidenza prodotta favur l-appellanti. Fil-konsiderazzjonijiet taghha, *inter alia*, ddikjarat li mill-evidenza prodotta quddiemha ma kien hemm xejn x'jindikalha li Anthony D'Alfonso rrinunzja ghall-pussess tal-imsemmija vettura.

B'kull dovut rispett lejn l-ewwel Qorti pero` meta wiehed iqis il-provi li gabet l-appellanti odjerna, l-fatti tal-kaz ma jistghu qatt jinkwadraw ruhhom fl-elementi tar-reat ta` *ragion fattasi*; dan anke 'l ghaliex Anthony D'Alfonso qatt ma kellu l-pusess jew tgawdija effettiva tal-imsemmija vettura.

3. Illi f'dan ir-rigward huwa ormai assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-elementi tar-ragjon fattasi huma s-segwenti:
- att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;
- il-kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta' dritt ;
- il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di braccio privato' dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika; u
- in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

4. Kunsiderati dawn l-elementi fid-dawl tal-kaz in ezami, din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun konvinta li l-ebda wiehed ma jissussisti fil-kaz odjern.

Jigi umilment rilevat illi kif xehdet Jane D'Alfonso, u kif ikkonfermat bint il-partijiet Jessica D'Alfonso, Anthony D'Alfonso qatt ma kellu l-pussess tal-vettura in ezami, minkejja li din tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi D'Alfonso. Kif sewwa ddeponew dawn iz-zewg xhieda, Anthony D'Alfonso, pussessur ta' diversi vetturi ohra, qatt ma kien jaghmel uzu minn din il-vettura partikolari, liema vettura nxtrat appozitament ghall-uzu tal-appellanti.

Filwaqt li l-appellanti xehdet illi mid-data tal-akkwist taghha fis-sena 2000, zewgha saq din il-vettura mhux aktar minn erba' darbiet, bint il-partijiet xehdet li qatt ma tiftakru jsuqha. Min-naha l-ohra, Anthony D'Alfonso sostna li kien juzaha bix imur jarmi z-zibel filoghdu! B'kull rispett, l-istanti ssostni 'lli din il-verzjoni moghtija minn Anthony D'Alfonso mhux biss hija nverosimili izda hija sahansitra kontradetta mill-evidenza mressqa mill-appellanti u minn dik prodotta mill-Prosekuzzjoni fejn fl-affidavit ta' PS1314, jigi riportat illi Anthony D'Alfonso, a tempo vergine waqt li kien qieghed jirraporta l-ghassa, sostna illi *"Huwa kompla jghid li l-imsemmija vettura tintuza mill-mara tieghu."*

Dan il-fatt huwa sostnut sahansitra miz-zewg ricevuti ezibiti mill-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti minn fejn jidher illi kwalunkwe necessita' ta' din il-vettura partikolari tiehu hsiebha l-istess appellanti.

Isegwi ghalhekk illi l-att tal-appellanti qatt ma seta' jispolja lil Anthony D'Alfonso minn haga li kien qieghed igawdi; dan ghas-semplici raguni li, jerga' jigi ribadit, huwa qatt ma kellu l-pussess tal-vettura in ezami.

Anqas ma jista' wiehed isostni 'lli l-bdil ta' din is-serratura sehh kontra l-opposizzjoni espressa jew prezunta ta' Anthony D'Alfonso meta kien hu stess li minflok ghazel li, anke jekk imqar mhux bhala r-ragel tal-appellanti izda bhala bniedem ezercenti s-sengha ta' tellar, isewwi jew ibiddel huwa stess din is-serratura.

5. L-appellanti ssostni wkoll illi f'ebda mument tal-proceduri odjerni ma gie kontestat it-titolu taghha fuq il-vettura in kwistjoni; dwar l-ezistenza ta' tali titolu din l-Onorabbli Qorti ma ghandha ghalhekk ikollha ebda dubju.

6. Rigward imbaghad l-element intenzjonali u l-element materjali tar-reat in dizamina l-appellanti taghmel ampja riferenza ghall-kaz Il-Pulizija vs. Eileen Said li gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fid-19 ta' Gunju 2002. Hawnhekk inghad:

*"lli kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżercita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddieħor per eżempju . Għalhekk hemm bżonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex tagħmel dak li għamlet. L- element materjali invece jikkonsisti filli wieħed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija tagħha. Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid il-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :-*

*"L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale." "*(sottolinear tal-appellanti)

7. Jigi sottomess illi meta l-appellanti biddlet is-serratura in ezami, mhux biss ghamlet dan bil-barka ta' zewgha, izda certament ma aggixietx taht kredenza ta' dritt, indipendentement mill-volonta' ta' Anthony D'Alfonso u bil-koxjenza li l-ghemil taghha kellu jsir permezz ta' awtorita' pubblika. L-indagni fuq il-movent, hawn imsemmija ma turi xejn ghajr il-fatti semplici riportati f'dan ir-rikors. L-appellanti rriteniet biss il-pussess ta' oggett illi hija minn dejjem kellha fil-pussess taghha, filwaqt li ma pprivat lil Anthony D'Alfonso minn xejn.

Fid-dawl tal-premess, u bid-dovut rigward l-appellanti tinsab perplessa mhux biss kif il-Pulizija Ezekuttiva xlietha b'dawn l-imputazzjonijiet izda anke kif l-Ewwel Qorti sabet htija fiha.

Tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-provi prodotti, jigi umilment sottomess illi l-appellanti lahqet il-grad tal-probabbli kif rikjest minnha. Mill-banda l-ohra, kien essenzjali ghall-Prosekuzzjoni, tenut kont in-natura tal-

imputazzjoni kif dedotta, li ggib il-prova inkriminanti lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, grad ta' prova dan li certament ma ntlahaqx.

8. Illi minghajr pregudizzju ghal dak espost fil-premess u cioe` li fl-opinjoni tal-appellanti l-Ewwel Qorti qatt ma kellha qatt ssib htija fil-konfront taghha tar-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, anke jekk addirittura l-Ewwel Qorti, hasset li b'dawk il-provi kellha ssib htija, l-piena imposta fuq l-appellanti hija wahda eccessiva u sproporzjonata.

Illi l-esponenti jirrileva li l-piena nflitta ma tawgurax tajjeb partikolarment f'sitwazzjoni fejn il-partijiet involuti huma ghaddejjin minn proceduri ta' firda personali.

Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Galdes deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Marzu 2007 il-Qorti hadet qies tar-relazzjoni matrimonjali: *"Ghalhekk, anki fl-interess tar-relazzjoni matrimonjali bejn l-appellat u martu li ma jidhrux li huma hziena […]"*. F'dan il-kaz, il-Qorti sabet lill-appellat hati li kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq martu u kkundannatu multa ta' LM50.

Kif diversi drabi jigi ritenut *'the punishment must fit the crime'* u ghalhekk il-piena erogata mill-ewwel Qorti zgur li hija eccessiva u ma hija bl-ebda` mod riflessa fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ilment tal-appellanti dirett lejn id-decizjoni impunjata idur madwar l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti li fil-fehma taghha ma jwasslux ghall-elementi kostituttivi tar-reat lilha addebitat. Illi qabel xejn din il-Qorti tfakkar illi

huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza li, fil-mazjonijiet riposti lilha bil-ligi bhala qorti ta' revizjoni, hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Billi kemm kunflitt fil-verzjonijiet moghtija mill-ko-litigandi, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu(2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[2].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta` huwa l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, "id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta` tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ... [3]"

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Thorne[4],

> **'..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.**

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami tal-fattispecje ta' dan il-kaz, liema fatti jemergu ukoll mix-xiehda moghtija mill-ko-litigandi quddiem din il-Qorti fi stadju ta' revizjoni, jirrizulta illi nhar

---

16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

[3] Ara is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[4] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

it-28 ta' Lulju 2013, Anthony D'Alfonso rraporta li martu l-appellanti, minnha separat *de facto*, kienet qabbdet u biddlet is-serratura ta' vettura reġistrata fuq ismu tal-għamla Opel Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni DSR854 u dan mingħajr l-awtorizazzjoni tieghu. Jikkontendi li din il-vettura jaghmel uzu minnha hu sporadikament, billi din qieghda ghall-uzu ta' martu. Fil-fatt jikkontendi illi ghalkemm martu infurmatu li kienet sewwiet is-serratura ta' din il-vettura billi kienet difettuza, madanakollu baqghet ma tatux kopja tac-cavetta l-gdida u dik li ghaddietlu ma kenitx kompatibbli mas-serratura tal-vettura. L-parte civile inoltre isostni illi dan ix-xoghol seta' ghamlu hu stess billi huwa jaghmel xoghol ta' tellar.

Meta mitkellma mill-pulizija Jane D'Alfonso tistqarr li kienet filfatt infurmat lil żewġha qabel għamlet it-tiswijiet, izda huwa kien arroganti u offensiv fl-attitudni tieghu u qalilha biex tmur issewwi l-ħsarat band'oħra, kif fil-fatt ghamlet. L-istess verzjoni hija taghti quddiem din il-Qorti. Il-parte ċivile jichad dan kollu u jibqa' isostni illi kien sar jaf bl-allegata hsara biss wara li s-serratura kienet giet mibdula.

Spjanati il-fattispecje tal-kaz in dizamina jinghad illi r-reat ta' raggion fattasi, regolat mill-artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ghandu fil-qafas tieghu s-segwenti elementi ta' dritt kif stabbiliti fil-gurisprudenza b'mod kopjuz:

> **a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;**
> **b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;**
> **c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;**
> **d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;**
>
> **Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu[5].**

---

[5] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża mill-Qorti

Għad dak li jirrigwarda l-kwistjoni tat-titolu u tal-pussess, jidher ukoll ċar mid-diċitura tal-liġi illi min jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-proprjeta' li qed jippretendi jedd fuqu/ha. Ir-reat jista' jissusisti f'kaz ta sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-proprjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat. Infatti skont il-każ fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bongailas[6], il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat is-segwenti:

**L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-proprjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.**

**Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.**

Ukoll fl-appell Pulizija vs John Vassallo[7], il-Qorti qieset illi:

**'Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie**

---

tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

[66] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.

[7] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991.

**ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.'**

Ikkunsidrat:

Illi jibda biex jingħad li filwaqt li mhux ikkontestat li l-appellanti kienet l-utenti prinċipali tal-vettura in kwistjoni u li l-parte ċivile seta' kellu l-użu aktar frekwenti ta' vetturi oħra formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi D'Alfonso, dan ma jfissirx li l-appellanti kellha d-dritt li icahhad lil zewgha mit-tgawdija tal-istess, iktar u iktar meta jirrizulta illi din il-vettura, li kif inghad inxtrat matul iż-żwieġ, hija reġistrata fuq isem il-parte ċivile. Anki l-fatt li ċ-ċwievet kienu disponibbli għall-użu kemm tal-appellanti kif ukoll tal-parte ċivile ġewwa garaxx komuni għat-tnejn, hija ndikazzjoni ċara tal-fatt li l-parte ċivile kellu d-dritt ta' użu u ta' tgawdija allavolja dan l-uzu seta' kien wiehed sporadiku billi kellu għad-disponibbilita' tieghu vetturi oħrajn li seta' jagħmel użu minnhom. Fil-fatt l-appellanti stess tghid illi meta inqalghet il-hsara fis-serratura tal-vettura hija infurmat b'dan lil zewgha, fatt li ghalkemm michud minn zewgha madanakollu huwa indikattiv tal-fatt illi it-tnejn li huma kellhom it-tgawdija ta' din il-proprjeta mobbli. Illi allura kien fid-dmir taghha illi hekk kif titranga il-hsara hija tghaddi kopja tac-cavetta l-gdida lil zewgha jew ghal tal-inqas thallieha post fejn tkun accessibbli ghalih. In-nuqqas li taghmel dan wassal sabiex hija volutament ċaħdet lil zewgha mit-tgawdija tal-vettura in kwistjoni, allavolja din kienet waħda evidentement sporadika jew rari da parti tiegħu. Huwa bil-wisq evidenti mid-diversi kawzi li hemm pendenti bejn din il-koppja illi s-separazzjoni bejn il-konjugi D'Alfonso hija wahda kemmxejn kombattuta, biz-zewg partijiet spiss jiehdu l-ligi b'idejhom sabiex jinku lill-konjugi l-iehor. Illi allura din il-Qort tigbed l-attenzjoni taz-zewg partijiet ghal dak deciz minn dawn il-qrati illi:

**"Il-ko-possessuri ta' oggett ghandhom - sakemm ma jigix miftiehem jew ordnat mod iehor minn awtorita' kompetenti, jew sakemm mhux approvdut mod iehor fil-ligi - drittijiet ta' tgawdija indaqs fuq dak l-oggett. L-istess**

**jinghad ghall-koproprjetarji: dawn ghandhom drittijiet indaqs fuq l-oggett u, kif jipprovdi espressament l-artikolu 491 (b) tal-Kodici Civili, ghalkemm kull wiehed mill-koproprjetarji jista' jinqeda bil-hwejjeg in komun, dan ma jistax jaghmlu "b'mod li ma jhallix lill-koproprjetarji l-ohra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet taghhom[8]".**

Konsegwentement fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' raggion fattasi ġew sodisfatti u għaldaqstant il-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti ser jiġu kkonfermati billi huma legalment u fattwalment validi.

Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena:

Illi finalment rigward l-aħħar aggravju li ġie ppostulat mill-appellanti tenut kont tal-fatt illi r-reat addebitat ġġorr kemm piena restrittiva tal-liberta' u alternattivament dik pekunjarja tal-multa, din il-Qorti jidrilha li l-piena erogata tal-multa fl-ammont ta' €400, li taqa' fil-parametri tal-ligi, hija wahda miti w allura m'għandiex tiġi varjata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Jane D'Alfonso u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur

---

[8] Il-Pulizija vs Georgina Gauci – App.Inf. 07/01/1998